GUSTIFIKAZZJONI TAL-KONTUMACJA

ZBALL TAL-AVUKAT

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 4 ta' Lulju 2017**

**Kawza Numru : 21**
**Rikors Guramentat Numru : 624/2016/LSO**

**Victoria Tabone (detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru: 720149 (M)) u Myriam Chemel Testaferrata Abela (detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru: 783445 (M))**

**vs**

**Daniel Orsini (detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru: 80270 (M))**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors mahluf ta' l-atturi Victoria Tabone u Myriam Chemel Testaferrata Abela datat 26 ta’ Lulju 2016 fejn bir-rispett u bil-gurament taghha Victoria Tabone kkonfermat :-

Illi huma proprjetarji, fost l-ohrajn, tal-artijiet ossija ghelieqi maghrufa bhala "tal-Ghesieli" fil-limiti ta' Haz Zabbar gieli indikati bhala fil-limiti ta' Vittoriosa, hekk kif indikati ahjar u delinejati bil-kulur orangjo fuq pjanta annessa u mmarkata dokument ittra "A8" ma' att ta' dikjarazzjoni *causa mortis* ippubblikat min-Nutar Dottor Ruben Casingena ta' nhar it-12 ta' Frar 2003, tal-kejl ta' tmien tomniet zewg sieghan u disa' kejliet (T8.S2.K9) cirka disat’ elef, hames mija u sitta u tletin punt wiehed tnejn metri kwadri (9,536.12 m.k.) konfinanti mit-tramuntana ma' triq, mil-lvant mal-Kullegg De La Salle u min-nofsinhar ma' proprjeta` ta' l-eredi ta' Fortunato Sapiano, liema proprjeta` ipperveniet lilhom *in parte* mill-wirt ta' ommhom Maria Stella Callus xebba Testaferrata Abela u *in parte* mill-wirt taz-zija taghhom il-Barunessa Andreana *sive* Adriana Testaferrata Abela;

Illi l-konvenut qieghed jokkupa parti minn dawn l-artijiet u b'mod partikolari d-dar li jisimha 1, "Chevron" jew "Danny's Heaven", Triq San Dwardu, Vittoriosa b'xi raba' maghha u bl-istrutturi kollha hemm hekk eretti fuqhom minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi;

Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha fil-ligi *ai termini* tal-artikolu 167 *et seq.* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex il-konvenut ma ghandux titolu validu fil-ligi fuq il-proprjeta` imsemmija u fil-fehma tal-esponenti l-konvenut ma ghandu l-ebda difiza xi jressaq ghat-talba tal-esponenti;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Illi dawn il-fatti l-esponenti jafuhom personalment;

Ghaldaqstant, wara illi jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u illi jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet ta' l-esponenti illi qeghdin hawn jitolbu illi dina l-Onorabbli Qorti jghogobha:

1. Tiddeciedi l-kawza skont it-talba bid-dispensa tas-smigh *ai termini* ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut qieghed jokkupa parti mill-artijiet ossija ghelieqi maghrufa bhala "tal-Ghesieli" fil-limiti ta' Haz Zabbar gieli indikati bhala fil-limiti ta' Vittoriosa, hekk kif indikati ahjar u delinejati bil-kulur

orangjo fuq pjanta annessa u mmarkata dokument ittra "A8" ma' att ta' dikjarazzjoni *causa mortis* ippubblikat min-Nutar Dottor Ruben Casingena ta' nhar it-12 ta' Frar 2003, tal-kejl ta' tmien tomniet zewg sieghan u disa' kejliet (T8.S2.K9) cirka disat' elef, hames mija u sitta u tletin punt wiehed tnejn metri kwadri (9,536.12 m.k.) konfinanti mit-tramuntana ma' triq, mil-lvant mal-Kullegg De La Salle u min-nofsinhar ma' proprjeta` ta' l-eredi ta' Fortunato Sapiano, liema proprjeta` ipperveniet lilhom *in parte* mill-wirt ta' ommhom Maria Stella Callus xebba Testaferrata Abela u *in parte* mill-wirt taz-zija taghhom il-Barunessa Andreana *sive* Adriana Testaferrata Abela u b'mod partikolari d-dar li jisimha 1, "Chevron" jew "Danny's Heaven", Triq San Dwardu, Vittoriosa b'xi raba' maghha u bl-istrutturi kollha hemm hekk eretti fuqhom minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi;

3. Tordna lill-konvenut jizgombra mill-proprjeta` hawn fuq imsemmija u dana entru zmien qasir u perentorju li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa ghal dan il-ghan;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa stess ingunt in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-seduta tal-11 ta' Ottubru 2016.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Ottubru 2016 (fol 33) fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet, il-partijiet prezenti. Gie prezentat rikors mill-attur ghar-revoka

*contrario imperio* ghad-digriet ta' din il-Qorti tat-28 ta' Lulju 2016, u fin-nuqqas ghall-awtorizzazzjoni ghall-appell. Kopja tar-rikors gie notifikat lill-attrici li kellha sebat ijiem biex twiegeb. Il-kawza giet differita ghall-digriet *in camera* ghall-25 ta' Ottubru 2016 fid-9:30 am.

Rat id-digriet moghti *in camera* fl-24 ta' Ottrubru 2016 (fol 39) fejn il-Qorti cahdet l-ewwel u t-tieni talba.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Daniel Orsini datata 27 ta' Marzu 2017 a fol 61 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 23 ta' Mejju 2017 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr William Cuschieri ghall-intimat. Deher ir-rikorrent assistit minn Dr Pawlu Lia. Il-Qorti awtorizzat il-prezentata tan-nota tal-atturi. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, fuq ir-rikors tas-7 ta' Novembru 2016, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema etetronika. Il-kawza qed tigi differita ghas-sentenza ghall-4 ta' Lulju 2017 fid-9: 30a.m.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-atturi datata 22 ta' Mejju 2017 a fol 69 tal-process.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi bir-rikors taghhom tas-7 ta' Novembru 2016, il-konvenuti fil-kawza talbu li jinghataw l-opportunita` biex jiggustifikaw

il-kontumacja taghhom u jigu awtorizzati li jressqu risposta guramentata jekk din il-Qorti takkolji t-talba ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja.

**Provi:**

**Dr. Kris Busietta** xehed (fol 54-55) fejn qal, li wara l-hmistax ta' Awwissu (2016) kien gie r-rikorrent b'mazz karti li kien ircieva minghand il-marixxal, dwar il-kaz odjern, fejn qallu li din kienet procedura bil-giljottina, u talbu jhalli l-karti u jkellmu wara jumejn, izda r-rikorrent ma kienx kellmu wara jumejn, u sar jaf wara li kien mar ghand Dr. Lia peress li hu kien normalment jassistih fi proceduri kriminali, u Dr. Lia kien normalment jassistih fi proceduri civili. Ikkonferma, fil-fatt, li Dr. Lia kien kellmu dwar dan il-kaz meta ltaqghu l-Qorti.

**Dr. Pawlu Lia** xehed (fol 56-57) u qal li r-rikorrent kien avvicinah ghall-habta ta' nofs Awwissu, meta l-ufficju jkun maghluq ix-xahar kollu, u meta qralu l-kawza, qallu li din kienet giljottina. Semma li r-rikorrent kien hallielu l-karti, u meta bdew jippreparaw in-nota, irrealiza li kien hemm digriet precedenti li ma kienux indunaw bih, u r-rikorrenti kien qaghad solament fuq il-parir tieghu.

**Dritt:**

Illi skont l-**artikolu 156 tal-Kap 12** tal-ligijiet ta' Malta, l-legislatur fisser ir-rekwiziti tar-rikors guramentat fosthom:

*"(1) (d) f'kull rikors guramentat ghandu jkun hemm stampat b'ittri cari u precizi taht l-intestatura tal-Qorti dan il-kliem li gej:*

*"Min jircievi dan ir-rikors mahluf kontra tieghu ghandu jipprezenta r-risposta mahlufa tieghu fi zmien ghoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioe` minn meta jirceviha. Jekk ma tigix ipprezentata r-risposta mahlufa bil-miktub kif trid il-ligi saz-zmien imsemmi, il-Qorti tghaddi biex taghti d-decizjoni skont il-ligi. Ghalhekk huwa fl-interess ta' min jircievi dan ir-rikors mahluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'ghandu xi jghid fil-kawza."*

L-**artikolu 158 (10) tal-Kap 12** tal-ligijiet ta' Malta jiddisponi:

*"(10) Jekk il-konvenut jonqos li jipprezenta r-risposta guramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeciedi l-kawza bhallikieku l-konvenut baqa' kontumaci kemm-il darba ma jippruvax ghas-sodisfazzjoni tal-qorti raguni tajba li ghaliha naqas li jipprezenta r-risposta guramentata fiz-zmien li jmiss. Il-Qorti ghandha, madankollu, qabel ma taghti s-sentenza, taghti lill-konvenut zmien qasir li ma jistax jiggedded biex fih jaghmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruhu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet ghandhom jigu notifikati lill-attur li jkollu zmien qasir biex jirrispondi."*

Id-decizjoni gwida f'materja ta' kontumacja hija dik fl-ismijiet "**Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo**" deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-19 ta' Mejju 1937

(Vol. XXIX.i.1581) mill-Imhallef William Harding fejn fiha gew elenkati l-principji li gejjin rigwardanti l-kontumacja:

*(1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;*
*(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;*
*(3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi ppruvata kawza gusta;*
*(4) Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu;*
*(5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci;*
*(6) L-izball mhux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa;*
*(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun kif intqal, "una necessita` impellante di chiamata ad altri doveri imprescendibili",*
*(8) l-impossibilita` li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezjonalment biss tista' tkun morali."  (Dawn l-istess principji gew rbaditi wkoll fis-sentenza* ***Joseph Naudi Montalto vs Emanuel Xuereb****, deciza mill-Prim Awla Qorti Civili fis-27 ta' Frar 1995 u fil-kaz* ***Tal-Franciz Construction Limited vs Michale Ciappara****, P.A. (1163/2012) deciza fil-31 ta' Mejju 2013.*

Referibbilment ghal dawn il-principji, inghad ukoll, li dawn ghandhom jigu applikati fl-isfond tal-insenjament li l-istitut tal-kontumacja ghandu l-origini tieghu bhala mizura ta' dixxiplina u sanzjoni ghan-nuqqas ta' rispett lejn l-awtorita`

tal-Qorti. (Ara **Francis Cutajar vs Mariano Farrugia et** (586/2010) - deciza fil-5 ta' Mejju 2011, u **Macpherson Meditterannean Ltd. vs Godwin Gatt Suban et**, P.A. (2409/97) deciza fil-21 ta' April 1999).

Fil-kawza fl-ismijiet **Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited,** deciza fit-28 ta' Jannar 2005, il-Qorti tal-Appell irriteniet izda li:

*"L-istitut tal-kontumacja minn dejjem kien suggett ta' kontroversja. Dan hu hekk minhabba l-fatt li l-effetti tieghu - ta' natura punittiva - huma odjuzi. L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqqlu piena, dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghal forma ta' dizordni socjali. Dik il-prezenza tal-imharrek - fatt fih innifsu pozittiv- hija invece mehtiega bhala parti mill-indagini li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabbilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza gusta" jew le. Dan hu hekk ghar-raguni li l-gustifikazzjoni ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola."* (Ara wkoll **Vella pro et noe vs Vella**, Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993, Koll. Vol. LXXVII-II-170); **Paul Grixti vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici**, deciza mill-Qorti tal-Appell Civili fit-12 ta' Dicembru 1975, **Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul**, deciz a mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999).

Illi fir-rikors tieghu l-intimat sostna li malli gie notifikat bl-atti mar mill-ewwel ghand l-avukat tieghu, Dr Lia, u peress li sab l-ufficju maghluq huwa kkuntatjah bit-telefon, fejn l-avukat infurmah li din kienet kawza bil-procedura tal-giljottina. Huwa sostna wkoll, li fil-frattemp, sakemm irnexxielu jikkuntattja lill-avukat Lia bit-telefon, kien anke avvicina lill-avukat Kris Busietta. L-avukat Busietta, kien infurmah ukoll li din kienet procedura bil-giljottina, u li ried jidher dakinhar tal-kawza. Difatti, dan l-istess kliem gie kkonfermat mill-avukat Lia sussegwentement, u r-rikorrent qaghad fuq il-pariri li nghataw lilu. Jirrizulta mill-provi, fil-fatt, li la l-avukat Lia u lanqas l-avukat Busietta ma kienu ndunaw li mal-atti kien hemm digriet tal-Qorti li permezz tieghu t-talba ghas-smigh tal-kawza bil-procedura sommarja specjali giet michuda peress li l-kaz odjern kien gie pprezentat fil-ferjat. Ghalhekk, gie rilevat li kien minhabba zball tal-avukat difensur peress li ma kienx intebah mill-ewwel bid-digriet tal-Qorti tat-28 ta' Lulju 2016, li l-kaz gie ntavolat fi zmien il-ferjat.

Fl-istess rikors, ir-rikorrent sostna, li hu ma kienx negligenti bl-ebda mod, billi malli sab l-ufficju tal-avukat Lia maghluq, huwa kien ha parir minghand avukat iehor, Dr. Busietta, sakemm kellem lill-avukat Lia bit-telefon. Ghaldaqstant, huwa bl-ebda mod ma injora l-atti li rcieva anzi ghamel diversi tentattivi immedjatament malli gie notifikat bl-atti, u agixxa tempestivament fuq il-parir tal-avukat.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent, in sostenn ghat-talba tieghu, rrefera ghall-kaz deciz recentement mill-Qorti tal-Appell fil-kaz fl-ismijiet **Concorde Developments Ltd vs B. Grima & Sons Ltd.** fejn gie spjegat li l-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-konvenut ikun wera insult jew dispett lejn is-sejha tal-Qorti, liema agir jisthoqqlu piena. In segwitu, gew citati kawzi ohra fosthom, **Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd.** fejn gew elenkati numru ta' principji li jsawru l-istitut tal-kontumacja. Ir-rikorrent irrefera wkoll, ghal kazijiet li nghataw minn din il-Qorti kif preseduta, **Robert Bondin Carter vs Frank Zahra** deciza fl-24 ta' Jananr 2017**, u Annie Caruana et vs Grace Sammut et,** deciza fil-31 ta' Jannar 2017, fejn fiz-zewg kazijiet minhabba zvista tal-avukat difensur dwar id-digriet li kien inghata mill-Qorti *in camera* u ma nstabx li kien hemm negligenza jew htija da parti tal-intimati.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent, saret referenza wkoll ghall-kaz **Waldonet Limited vs David Thake**, P.A. (JRM) deciza fit-3 ta' April 2003, fejn gie sottolineat, li *"il-Qrati taghna qiesu li jaghmlu differenza bejn il-kontumacja ta' tort u dik gustifikabbli. Huma ssoktaw b'din il-linja wkoll sa zminijiet ricenti u ddistingwew bejn il-konvenut li juri disinteress assolut u l-iehor li juri kull fehma li jikkontesta l-kawza u li ma lahaqx ghamel dan ghal xi raguni li ma kienx jahti ghaliha."*

Min-naha l-ohra, l-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet, irreferew ghall-kazistika li telenka l-principji li jsawru l-istitut

tal-kontumacja, izda gie sostnut ukoll, li l-intimat qed jipprova jinkolpa lill-avukat difensur, *stante* li l-kolpa grossolana hi tal-intimat li ma qarax li kellu jwiegeb fi zmien ghoxrin jum. Gie sottomess ukoll mir-rikorrenti, li r-rikorrent ma ppruvax meta kien iz-zmien li ttenta javvicina lill-avukat tieghu, kien jinkombi fuqu li jaghmel dan, u fin-nuqqas ghandu jitqies li ma ngabitx il-prova necessarja.

Din il-Qorti ma tikkondividix dan l-argument kif sottomess, billi kienu z-zewg avukati Dr. Busietta u Dr. Lia li kkonfermaw fix-xhieda taghhom li gew avvicinati mill-intimat f'Awwissu. Dr. Lia qal li ikkunttattjah '*f'nofs Awwissu'* filwaqt li jirrizulta li l-intimat gie notifikat fid-9 ta' Awwissu 2016. Inoltre l-intimat xehed li ikkuntattja l-ewwel lill-Avukat wiehed, sab li kien fil-ferjat, ikkuntattja lill-Avukat l-iehor li qallu li kellu jidher dik in-nhar tas-seduta, u rega' ikkuntattja lil Dr Lia li qallu l-istess haga. Certament dan l-agir ma jammontax ghan-negligenza jew nuqqas ta' rispett lejn l-awtorita' tal-Qorti.

Illi dak sostnut mir-rikorrenti rigward il-fatt, li l-intimat mhuwiex illitterat, u li hu kien midhla tal-kawzi l-Qorti, peress li kien involut f'kawzi ohra, wkoll ma jregix. Ikkonsidrat, li m'hemmx bzonn li wiehed ikun illitterat jew li ma jkunx midhla tal-Qorti, biex xorta wahda ma jkunx familjari mal-procedura ta' giljottina, u dak rikjest ghal din il-procedura specjali.

Difatti harsa lejn ir-rikors juri li mad-daqqa t'ghajn, it-twissija rikjesta ghall-procedura normali hija imhassra u li t-talba

hija ghas-smigh skont l-artikoli 167 sal-170 tal-Kap.12. Isegwu kopja ta' kuntratt dettaljat b'diversi pjanti annessi mieghu, kif ukoll id-digriet tat-28 ta' Lulju 2016.

Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tippretendix li l-intimat ghandu jifhem il-portata tat-thassir tat-twissija fl-ewwel pagna fil-kuntest tad-digriet taghha fejn ordnat li l-kawza titkompla bil-procedura ordinarja. Hija verosimili li l-avukati li kkonsulta l-istess konvenut kkonkludew *in bona fede* li l-kaz kien wiehed li jinstema bil-procedura sommarja specjali u ghalhekk ma kienx rikjest li jipprezentaw risposta guramentata.

Fil-kaz in ezami rrizulta li bi zvista lanqas iz-zewg avukati avvicinati mill-intimat, ma ndunawx bid-digriet moghti mill-Qorti *multo magis* il-konvenut li mhuwiex avukat. Ghalhekk, dak sostnut mir-rikorrenti, li kien jispetta lill-intimat li jintebah u jifhem dan id-digriet, ma jregix.

Ikkonsidrat li din il-Qorti hija konkordi mal-gurisprudenza l-aktar kostanti fuq il-materja tal-kontumacja illi l-gustifikazzjoni tal-kontumacja ghandha tkun l-eccezzjoni u mhux ir-regola in kwantu t-termini ghall-prezentata ta' atti gudizzjarji, stabbiliti staturjament, qeghdin hemm biex joholqu sistema procedurali stabbli u uniformi li huma elementi essenzjali f'kull process gudizzjarju. Ghalhekk, fil-materja ta' kontumacja l-intimat irid jafferma kawza gusta sabiex jissana l-kontumacja tieghu. Illi taqbel li kawza attribwibbli ghall-volonta` jew *culpa* tieghu mhijiex 'kawza gusta'.

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li hekk kif ritenut fil-gurisprudenza nostrana, "*f'materja ta' purgazzjoni tal-kontumacja gie dejjem ritenut li m'ghandux ikun hemm negligenza jew htija tal-parti, ghaliex allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm il-"culpa" u f'dak il-kaz, il-persuna ma tkunx tista' tilmenta minn xejn ghaliex "qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire*" (**Carmelo Bugeja vs Mary xebba Farrugia**, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Frar 1996).

Fid-dawl tal-insenjament moghti mill-gurisprudenza nostrana, kif ukoll fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz in ezami, ma jirrizultax li kien hemm negligenza jew *culpa* da parti tal-intimat *stante* li hu ghamel it-tentattivi kollha necessarji u fi zmien bikri sabiex iressaq l-atti li rcieva lill-avukat tieghu, u sahansitra ha parir ukoll ta' avukat iehor, li bi zvista wkoll ma ndunax bid-digriet ta' din il-Qorti li l-procedura sommarja ma tapplikax. Dan kollu fix-xahar ta' Awwissu meta wiehed mill-Avukati kien bil-ferjat. Ikkonsidrat ukoll, li r-rikorrent irrefera l-atti kollha minghajr dewmien lill-avukat u qaghad fuq il-parir moghti lilu mill-avukat difensur tieghu. Dan kollu gie kkorroborat mix-xhieda tal-istess avukati Dr. Busietta u Dr. Lia

*Di piu`*, jirrizulta, li hu ghamel kif intqal lilu mill-istess avukat difensur tieghu, u deher quddiem din il-Qorti kemm fil-11 ta' Ottubru 2016, kif ukoll fil-25 ta' Ottubru 2016, u ghas-seduti sussegwenti, fejn hu kien prezenti fl-Awla. Ghalkemm mhuwiex sufficjenti li l-intimat ikun prezenti fl-Awla biss, peress li hu essenzjali r-rekwizit l-iehor li jirrispondi

formalment bin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu, izda l-kontumacja trid titqies minn zewg aspetti, dak formali u dak sostanzjali (u cioe` l-assenza mill-udjenza tal-Qorti.)

Ikkonsidrat li l-Qrati Taghna gharfu jiddistingqu dawk il-kazijiet fejn l-imgieba ta' avukat imqabbad tempestivament mill-parti mharrka wasslet biex il-kaz jaqa' kontumaci. (Ara **Dr. Christopher Muscat vs Raymond Bugeja noe**. P.A. (RCP) deciza fis-16 ta' Marzu 1999, u **Waldonet Ltd. vs David Thake** P.A. (JRM) deciza fit-3 ta' April 2003). Hawnhekk, ta' min isemmi dak ribadit fil-kaz **Golden Gate Limited vs Meliton Group Ltd**. P.A. (RCP) deciza fis-6 ta' Mejju 1999, *"……ghall-izball ta' terz m'ghandux jigi pregudikat il-konvenut li jiddefendi l-kawza tieghu, u dan anke fid-dawl tal-principju 'audi alteram partem'". (*Ara wkoll f'dan is-sens **Ian Zahra vs Charles Demicoli et**, P.A. (RCP) deciza fit-23 ta' Mejju 2000).

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha, hija soddisfatta li l-konvenut irnexxielu jiggustifika l-kontumacja tieghu kif trid il-ligi u li ma kienx hemm l-ebda traskuragni da parti tieghu. Ghaldaqstant, din il-Qorti ser tilqa' t-talba tieghu ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talba tal-intimat kif kontenuta fir-rikors tas-7 ta' Novembru 2016 a fol 44-46 tal-process, u tiddikjara li rnexxielu jiggustifika l-kontumacja tieghu u

konsegwentement tawtorizzah sabiex fi zmien ghoxrin (20) jum mil-lum jipprezenta risposta guramentatat skont il-Ligi.

Tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**04 ta' Lulju 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**04 ta' Lulju 2017**